**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 3 ta' Dicembru, 2019

Rikors Numru: 275/19 AL

**AB**

Vs

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-23 ta' Diċembru 1989 ġewwa Malta u l-istess żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2401/1989 (ċertifikat anness u mmarkat Dok 'A').
2. Illi mill-istess żwieġ twieldu żewġt itfal, EB li twieldet fl-10 ta' Novembru 1991 (ċertifikat aness u mmarkat Dok 'B') u FB li

twieldet fit-30 ta’ Settembru 1995 (ċertifikat anness u immarkat Dok ‘Ċ’)

3. Illi l-partijiet infirdu minn xulxin b’ kuntratt iffirmat quddiem in-Nutar Dr. Caroline Abela Rausi fit-18 ta’ Ġunju tas-sena 1998 (kuntratt anness u mmarkat Dok ‘D’) wara li ġew debitament awtorizzati;
4. Illi l-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni ġie emendat permezz ta’ kuntratt iffirmat quddiem in-Nutar Dr. Joseph Debono fil-11 ta’ Ottubru 2007 (kuntratt anness u mmarkat Dok. E) wara li ingħatat id-debita awtorizzazzjoni minn din il-Qorti diversament preseduta;
5. Illi ma hemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet u m’hemm l-ebda tama ta’ rikonċiljazzjoni bejniethom.
6. Illi l-partijiet m’għexux flimkien sa’ mis-sena 1998 u ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet
7. Illi jirrikorru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għal-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja ż-żwieġ ta’ bejn il-partijiet maħlul u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;
2. Tordna lir-Reġistru tal-Qorti sabiex fi żmien hekk prefiss mill-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jiġi reġistrat.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta’ Lulju, 2019;

Rat in-nota tal-intimata li permezz taghha ddikjarat li mhux topponi għat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illiipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Gunju 1998;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.